**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 13/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Emanuel Degabriele**

Illum, 13 ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Emanuel Degabriele, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 517289(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-30 ta' Novembru 2020 għall-ħabta ta' 11:40am, fi Triq is-Sebħ, Qormi, waqt li kien qed isuq vettura tal-għamla "Peugeot" reġistrata bin-numru ta' reġistrazzjoni STL-187:

1. Saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kien qed jagħmel uzu mis-"seat belt";
2. Saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan;
3. Saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;
4. Saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kienet illiċenzjata biex tintuza fit-triq;
5. Kellu l-imsemmija vettura fit-triq kemm ipparkjata kif ukoll jew kienet qed tintuza mingħajr liċenzja ta' ċirkolazzjoni valida jew permess għaċ-ċirkolazzjoni valida jew diska ta' liċenzja temporanja valida maħruġa mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta;

6. Għamel uzu minn marka ta' reġistrazzjoni xort'oħra minn dik mogħtija mill-Awtorita' għat-Trasport f' Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari, ċioe' għamel uzu minn pjanċa tan-numri tar-reġistrazzjoni KAI289 li huma maħruġa fuq vettura tal-marka "Skoda";
7. Saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kienet mgħammra b'mirja li juru wara, jew ma zammx dan it-tgħamir f'kundizzjoni tajba.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Novembru 2023, fejn il-Qorti, filwaqt li ddikjarat l-imputazzjonijiet numru 1, 3, 5 u 7 preskritti, għaddiet sabiex tillibera lill-imputat mill-bqija tal-imputazzjonijiet fuq nuqqas ta' provi.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fid-9 ta' Jannar 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitx ħtija fir-rigward tal-ħames imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-appellat u tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ma sabitx ħtija fir-rigward tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet u minflok issib lil Emanuel Degabriele ħati ta' dawn l-imputazzjonijiet u tinfliġġi piena adegwata u skont il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju minnu vventilat, l-Avukat Ġenerali jikkontendi illi l-Ewwel Qorti errat meta kkonkludiet li l-imputazzjonijiet numru wieħed, tlieta, ħamsa u sebgħa kienu perenti bid-dekors tat-terminu statutorju tal-preskrizzjoni tal-azzjoni penali. L-Avukat Ġenerali jisħaq illi "*kif jidher ċar miċ-ċitazzjoni li tinsab a folio 1 tal-atti proċesswali, l-esponent jenfasizza li l-appellat kien ġie notifikat biċ-ċitazzjoni fit-12 ta' Frar 2021, liema data qegħdha miktuba kwazi fit-tarf taċ-ċitazzjoni fuq in-naħa tax-xellug, u*

*mhux fit-13 ta' Lulju 2021. Id-data 13 ta' Lulju 2021 hija d-data ta' meta l-appellat kellu jidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati".*

Illi, malewwel dina l-Qorti ttenni li ma taqbilx ma' dan l-ilment ta'l-Avukat Ġenerali. L-ewwelnett kif diversi drabi ribadit, ċitazzjoni hija sempliċiment *avviso di comparire* bid-data indikata fuqha hija dik id-data meta jkun ħareġ l-avviż/ċitazzjoni u mhux id-data meta l-ġudikabbli ikun irċieva dik it-taħrika. Illi mbagħad in-notifika trid issir skont ir-regolamenti mfassla fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 9.22, b'mod ewlieni kif hemm indikat fir-regolament 4, bl-uffiċjal inkarigat bin-notifika għandu jikkompila ċertifikat ta' notifika li jkun fih l-isem u l-kunjom tal-persuna li lilha tkun saret in-notifika u, jekk it-taħrika ma tkunx ġiet notifikata direttament lill-persuna li lilha n-notifika suppost saret, l-isem u l-kunjom tal-persuna li lilha l-kunsinna tat-taħrika tkun saret. L-uffiċjal għandu wkoll iniżżel il-post fejn it-taħrika ġiet notifikata, flimkien mad-data u l-ħin, kif maħsub fir-regolament 14.

Illi l-prova tan-notifika tat-taħrika trid ssir permezz ta' dan iċ-ċertifikat jew kif komunement magħruf, ir-riferta tal-Pulizija Ezekuttiva fejn ikun indikat il-jum, lok u ħin meta l-persuna imputata tkun notifikata biċ-ċitazzjoni. Illi allura meta fil-każ odjern, fiċ-ċitazzjoni hemm zewġ dati ttimbrati fuqha, dik tat-13 ta' Lulju 2021, tirreferi għad-data tal-ewwel seduta quddiem l-Ewwel Qorti, u d-data tat-12 ta' Frar 2021 hija d-data meta inħarġet iċ-ċitazzjoni, u mhijiex kif erronjament qed jikkontendi l-Avukat Ġenerali, d-data meta kien notifikat l-imputat. Sussegwentement, tali ċitazzjoni riedet titqassam fizikament mill-Pulizija lill-appellat, fejn huwa għandu jindika fuq ir-riferta tan-notifika jekk din kenitx imqassma lill-imputat o meno. Fil-każ odjern, ma hemm eżebita ebda riferta li tindika meta l-appellat effettivament kien nnotifikat biċ-ċitazzjoni u allura id-data ta'l-ewwel dehra fil-Qorti għandha tittieħed bħala dik id-data meta l-appellat kien effettivament innotifikat u ċioe' id-data tat-13 ta' Lulju 2021.

Illi, dina l-Qorti tinnota ukoll li nhar it-28 ta' Novembru 2023, id-difiza eċeppiet il-preskrizzjoni tal-akkuzi numru wieħed, tlieta, ħamsa u sebgħa. Il-Prosekuzzjoni setgħet faċilment tirribatti tali eċċezzjoni billi tressaq prova permezz tar-riferta

rispettiva li kienet allura tindika meta effettivament l-appellat kien ġie nnotifikat biċ-ċitazzjoni odjerna. Madanakollu l-Prosekuzzjoni baqgħet ma ressqitx din il-prova u lanqas tallbet lill-Ewwel Qorti sabiex tagħmel dan. L-appellant Avukat Ġenerali ma jressaq ebda appell fir-rigward tal-ħames imputazzjoni, iżda fir-rigward tal-ewwel u is-sebgħa imputazzjonijiet, billi ir-reati kienu allegatament kommessi mill-appellat fit-30 ta' Novembru 2020, dawn kienu perenti fil-jum tat-13 ta' Lulju 2021, kif l-istess jista' jingħad fir-rigward tat-tielet imputazzjoni li għandha ħajja ta' sitt xhur fit-termini ta'l-artikolu 3(3) tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta  Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, it-tieni aggravju mressaq mill-Avukat Ġenerali jirrigwarda d-deċizjoni tal-Ewwel Qorti li tordna l-isfilz ta'l-*affidavit* ta' PC 386 Johan Camenzuli u dana meta l-istess kien dikjarat inammissibbli bħala prova għar-raġuni li x-xhud ikkonfermah bil-ġurament quddiem l-Uffiċjal Prosekutur, l-Ispettur Nicholas Vella, fil-vesti tiegħu ta' Kummissjunarju bis-setgħa li jagħti il-ġurment u dan bis-saħħa ta' dak dispost fil-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Avukat Ġenerali jikkontendi li l-istess Uffiċjal Prosekutur ma kellu l-ebda interess fil-każ odjern u għalhekk l-istess *affidavit* ma kellux jkun sfilzat.

Issa, l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi:–

> **4. Il-Kummissjunarji hawn fuq imsemmija jistgħu jagħtu l-ġurament u jirċievu affidavits għall-ħwejjeġ kollha li jkunu meħtieġa minn liġijiet ta' Malta jew ta' xi pajjiż ieħor, inkella li jkollhom x'jaqsmu ma proċedimenti li jkunu qegħdin isiru jew li jkunu sejrin isiru quddiem qorti, inkella li raġonevolment sejrin iservu għal skop ġudizzjarju, inkella li jirrigwardaw l-eżerċizzju ta'jedd ċivili:**
>
> **<u>Iżda l-Kummissjunarji hawn fuq imsemmija ma jistgħux jeżerċitaw is-setgħat mogħtija lilhom minn dan l-artikolu fi proċeduri li fihom huma jkunu l-avukati ta' waħda mill-partijiet jew li fihom huma jkollhom interess.</u>**

Illi, l-Ewwel Qorti rriteniet li "**l-kelma interess fil-proviso tal-Art. 4 tal-Kap. 79 m'huwiex l-istess interess ġuridiku rikjest fi proċeduri ta' natura ċivili liema**

**interess, kif ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza, għandu jkun dirett, personali u attwali.** Kompliet hekk:

> **Hija l-fehma tal-Qorti illi l-interess rikjest fl-Art. 4 tal-Kap. 79 jista' jkun anke wieħed indirett jew saħansitra wieħed professjonali. Filwaqt li l-Ispettur Nicholas Vella ċertament ma kellu l-ebda interess dirett u personali f'din il-kawża (f'liema każ huwa lanqas kien ikun jista' jwettaq id-dmirijiet tiegħu bħala Prosekutur fiha), madanakollu fil-kapaċità tiegħu ta' Spettur tal-Pulizija u bħala l-persuna responsabbli għall-ftuħ tal-azzjoni kriminali u għat-tmexxija tagħha quddiem din il-Qorti, fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, huwa ċertament kellu interess fl-eżitu tagħha fis-sens illi jara li din titmexxa sal-aħħar tagħha, skond il-proċeduri u r-rekwiżiti stabbiliti fil-liġi, qabel ma l-Qorti tagħti d-deċiżjoni finali tagħha u l-kawża eventwalment tgħaddi in ġudikat.**

U allura abbażi ta' dak dispost fil-*proviso* għall-artikolu 4 hawn fuq iċċitat ddikjarat il-prova magħmula permezz ta'l-affidavit ta' PC 386 Johan Camenzuli bħala prova inammissibbli.

Illi l-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta, daħal fis-seħħ bis-saħħa tal-Ordinanza VIII tal-1934 li kienet promulagata fis-6 ta' Frar 1934, u hija bbażata fuq l-*Commissioners for Oaths Act 1889* ta'l-Ingilterra u Wales. L-Artikolu 1 ta' dan l-Att jiddisponi tastwalment illi:

> *'1. Appointment and powers of commissioners for oaths.*
>
> *(1) The Lord Chancellor may from time to time, by commission signed by him, appoint persons being practising solicitors or other fit and proper persons to be commissioners for oaths, and may revoke any such, appointment.*
>
> *(2) A commissioner for oaths may, by virtue of his commission, in England or elsewhere, administer any oath or take any affidavit for the purposes of any court or matter in England, including any of the ecclesiastical courts or jurisdictions, matters ecclesiastical, matters relating to applications for notarial faculties, and matters relating to the registration of any instrument, whether under an Act of Parliament or otherwise, and take any bail or recognizance in or for the purpose of any civil proceeding in the Supreme Court, including all proceedings on the revenue side of the Queen's Bench Division.*
>
> *(3) Provided that a commissioner for oaths shall not exercise any of the powers given by this section in any proceeding in which he is solicitor to any*

***of the parties to the proceeding, or clerk to any such solicitor, or in which he is interested.***

Illi d-diċitura tas-sub-inċiż 3 huwa simili għal dik tal-proviso għall-artikolu 4 li jipprovdi divjet fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' Kummissjunarju f'żewġ istanzi u ċioe':

1: jekk dan ikun avukati ta' xi parti fil-proċeduri, u/jew

2. jekk ikollu interess fil-proċeduri.

Illi madanakollu il-liġi brittanika kuntrarjament għal dik lokali tagħti din is-setgħa lill-avukat u lin-nutar pubbliku meta hemm dispost fl-artikolu 1 li dawn jistgħu jkunu '***practising solicitors or other fit and proper persons'***. Illi allura id-divjet f'dik il-liġi li ġiet trasposta fil-liġi tagħna b'mod identiku trid neċessarjament tinqara fid-dawl tal-persuni hemmhekk indikati li jistgħu jkunu maħtura bħala kummissjunarji. Dan qed jingħad għaliex l-Ewwel Qorti qiset illi l-Ispettur Nicholas Vella fil-vesti tiegħu ta' Uffiċjal Prosekutur jaqa' taħt it-tieni istanza ta' esklużjoni indikata fil-liġi u dan meta fil-fehma tagħha huwa fuq inizjattiva tiegħu illi ġew varati dawn il-proċeduri penali, tant illi huwa għandu interess illi jara illi dan il-proċess penali jitmexxa sat-tmiem tiegħu li ifisser illi allura għandu interess fl-eżitu ta'l-istess.

Illi din il-Qorti, madanakollu ma tistax taqbel ma' din il-fehma u dan għaliex fl-ewwel lok il-funzjoni ta' avukat difensur, u l-interess tiegħu fl-eżitu tal-proċeduri fejn huwa jkun qiegħed jiddefendi l-kljient tiegħu, ma tista' qatt tkun ekwiperata ma' dak tal-prosekutur, kif lanqas ma tista' taqbel mal-Ewwel Qorti illi l-prosekutur għandu xi interess (u m'għandux ikollu interess) fil-proċeduri minnu nizjati għajr dak tal-interess pubbliku. Illi l-interess li titkellem dwarha il-liġi huwa dak 'l hekk imsejjaħ il-*vested interest* u allura f'dawk l-istanzi fejn ikun qed jiġi konsegwit xi benefiċċju, jkun xi jkun, anke jekk mhux wiehed finanzjarju, interess illi huwa vestit fil-funzjoni ta' avukat difenaur li qed jidher għal xi parti fil-proċeduri. Illi l-figura tal-prosekutur qatt ma jista' jkollha dan l-interess, kif ingħad, billi huwa jkun qed jaġixxi għan-nom tas-soċjeta in ġenerali u fejn allura fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet

tiegħu għandu jkun ggwidat mill-interess pubbliku u l-ebda interess ieħor jkun xi jkun.

Illi r-rwol tal-prosekutur kien is-suġġett ta' rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kunsill ta'l-Ewropa u il-Kumitat tal-Ministri li jelenkaw hekk il-manzjonijiet tal-prosekutur:

> ***Functions of the public prosecutor***
>
> ***1. "Public prosecutors" are public authorities who, on behalf of society and in the public interest, ensure the application of the law where the breach of the law carries a criminal sanction, taking into account both the rights of the individual and the necessary effectiveness of the criminal justice system.***
>
> ***2. In all criminal justice systems, public prosecutors:***
>
> > ***− decide whether to initiate or continue prosecutions;***
> >
> > ***− conduct prosecutions before the courts;***
> >
> > ***− may appeal or conduct appeals concerning all or some court decisions.***
>
> ***3. In certain criminal justice systems, public prosecutors also:***
>
> > ***− implement national crime policy while adapting it, where appropriate, to regional and local circumstances;***
> >
> > ***− conduct, direct or supervise investigations;***
> >
> > ***− ensure that victims are effectively assisted;***
> >
> > ***− decide on alternatives to prosecution;***
> >
> > ***− supervise the execution of court decisions;***
> >
> > ***− etc.***

Ikomplu igħidu hekk dwar dan l-uffiċċju pubbliku u l-funzjoni tal-prosekutur:

> ***They must observe two essential requirements concerning, on the one hand, the rights of the individual and, on the other, the necessary effectiveness of the criminal justice system, which the public prosecutor must, to some extent, guarantee. Here the committee wished to emphasise the concept of effectiveness because, whereas it is up to judges rather than public***

***prosecutors to decide individual cases concerning liberties in general and the rights of the defence in particular, it is public prosecutors, not judges, who are primarily responsible for the overall effectiveness of the criminal justice system with reference to the concept of the general interest.***

***It is the task of public prosecutors, as of judges, to apply the law or to see that it is applied. Judges do this reactively, in response to the cases brought before them, whereas the public prosecutor pro-actively "ensures" the application of the law. Judges sit on the bench and deliver decisions; public prosecutors are in the business of vigilance and action to bring cases to court.***

***Public prosecutors must be objective and fair during court proceedings. In particular, they should ensure that the court is provided with all relevant facts and legal arguments necessary for the fair administration of justice[1].***

Illi huwa minnu ukoll illi fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu il-Kumitat tal-Ministri jenfasiżża l-importanza illi l-kariga ta' uffiċjal tal-pulizija u r-rwol tal-proskeutur jinżammu indipendenti minn xulxin, u dan għal ħarsien tas-saltna tad-dritt, iżda b'daqshekk ma jfissirx illi f'dan il-każ meta l-Uffiċjal Prosekutur aġixxa bħala kummissjunarju u ssomministra l-ġurament lix-xhud, li kien l-uffiċjal tal-pulizija li investiga dan il-każ, huwa kellu dak l-interess li jitkellem dwaru l-*proviso* għall-artikolu 4 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta, kuntrarjament għal dak deċiż mill-Ewwel Qorti. Lanqas ma jidher fuq kollox illi l-Ispettur Nicholas Vella kellu xi rwol ta' investigatur f'dan il-każ, iżda assuma biss ir-rwol ta' prosekutur meta istitwixxa l-process penali kontra l-appellat u mexxa l-prosekuzzjoni ta'l-istess biex b'hekk l-uniku interess li kellu huwa dak bħala prosekutur li huwa l-interess pubbliku u mhux dak l-interess, kif indikat fil-*proviso* għall-artikolu 4. **Illi dan magħdud, madanakollu, l-Prosekuzzjoni għandha tara illi meta uffiċjal tal-pulizija jagħżel li iressaq ix-xiehda tiegħu permezz tal-proċedura tal-affidavit, dan ma jkunx maħluf quddiem l-ispettur tal-pulizija li jkun ser jassumi ir-rwol ukoll ta' prosekutur fil-kawża u dan għal ħarsien tas-saltna tad-dritt**.

*In oltre*, xejn ma kien iżżomm lid-difiża milli ttressaq lil dan ix-xhud biex jixhed in kontro-eżami quddiem il-Qorti sabiex ipoġġielu dawk il-mistoqsijiet kollha pertinenti bil-għan illi jivverifika il-veraċita' tal-fatti minnu dikjarati fl-affidavit

[1] https://rm.coe.int/16804be55a - THE ROLE OF PUBLIC PROSECUTION IN THE CRIMINAL JUSTICE SYSTEM Recommendation Rec(2000)19 Adopted by the Committee of Ministers of the Council of Europe on 6 October 2000 and Explanatory Memorandum.

tiegħu, jekk huwa għandu xi dubbju dwar l-istess, hekk kif stipulat fl-Artikolu 360A tal-Kodici Kriminali.

Illi mbagħad mill-atti proċesswali odjerni, jirriżulta biss illi l-iSpettur Nicholas Vella kien sempliċiment ssomministra ġurament skont il-liġi u ma jirriżulta minn imkien li huwa kellu xi forma ta' influwenza fuq il-kontenut tal-*affidavit* magħmul mix-xhud, liema kontenut huwa rifless fil-*PIRS report* eżebit in atti u li kien ikkumpilat ukoll mill-istess xhud *a tempo vergine*. *In vista* ta' dak premess, dina l-Qorti għalhekk qiegħda tilqa' t-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti ddikjarat l-affidavit ta' PC386 bħala prova inammissibbli, u fejn ordnat l-isfilz ta'l-istess, u tiddikjara illi din hija prova valida u għandha tittieħed in konsiderazzjoni fil-ġudizzju finali.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-aħħar aggravju tal-Avukat Ġenerali jikkonċerna l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, li għażlet li tillibera lill-appellant mill-imputazzjonijiet bin-numri 2, 4 u 6 u dan minħabba f'nuqqas ta' provi stante illi, kif ingħad, l-affidavit tal-kuntistabbli 386 kien sfilzat mill-atti.

Illi, mill-*affidavit* redatt minn PC 386 J. Camenzuli, jirriżulta li nhar it-30 ta' Novembru 2020 għall-ħabta ta' 11:40am, l-istess kuntistabbli waqt ronda tax-xogħol ġewwa Ħal Qormi nnota xufier li kien qed isuq vettura tal-għamla *Peugeot* bin-numru ta' reġistrazzjoni KAI289 li ma kienx liebes ċintorin tas-sigurta'. Sussegwentement il-kuntistabbli waqqaf din l-vettura, fejn irriżulta li x-xufier kien l-appellat u li dan ma kellux il-liċenzja tas-sewqan fuqu. Mistoqsi dwar dan, u wara li ngħata d-drittijiet kollha skond il-liġi, l-appellat stqarr li "**le ma għandix, għax ħa nejdlek mit-teorija qed neħel imma suppost ħa nirranġa**". *In oltre*, l-istess kuntistabbli nnota li n-numru ta' reġistrazzjoni KAI289 ma kienx jappartjeni lill-vettura misjuqa mill-appellat, li kien ammetta miegħu li dawn il-pjanċi kienu tal-vettura "**Skoda tal-Pajsu**". Finalment, irriżulta li l-vettura tal-għamla *Peugeot* in kwistjoni li lilha kienu jappartjenu il-pjanċi ta' reġistrazzjoni bin-numru STL189, ma

kenitx koperta b'liċenzja u lanqas b'polza ta' assigurazzjoni u kienet saħansitra ndikata mal-awtorita' konċernata li kienet iggaraxxjata.

Illi, mit-testimonjanza ta' Vanessa Camilleri, in rapprezentanza ta' *Transport Malta*, irriżulta li fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni STL 187, dina kienet iggaraxxjata u kienet ilha hekk mid-29 ta' Lulju 2019. *In oltre*, fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KAI 289, jirriżulta li dina hija vettura tal-għamla *Skoda* li ilha rreġistrata fuq *Pajsu Autodealer* mill-15 ta' Jannar 2018.

Illi, għalhekk ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li l-appellat kien is-sewwieq tal-vettura in kwistjoni fil-mument meta kien imwaqqaf mill-pulizija. *In oltre*, a bazi tal-provi prodotti u anke a bazi ta' dak mistqarr mill-appellat innifsu lill-Pulizija, dina l-Qorti tinsab moralment konvinta li l-appellat kellu jinstab ħati tal-imputazzjonijiet numru tnejn, erbgħa u sitta miġjuba kontrih u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet zbaljata li lliberatu mill-istess. Jikkonsegwi li anke dan l-aggravju tal-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell tal-Avukat Ġenerali. Tgħaddi sabiex tirriforma is-sentenza appellata billi –**

**i) Tikkonfermaha fil-parti fejn iddikjarat l-imputazzjonijiet numru 1, 3, 5 u 7 dedotti kontra l-appellat Emanuel Degabriele bħala preskritti; u**

**ii) Tirrevokaha fil-parti fejn illiberat lill-appellat Emanuel Degabriele mill-bqija tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u minflok, ai termini ta' l-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u tar-Regolamenti 13(2) u 44(4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 issibu ħati ta' l-istess u tikkundanah għall-ħlas ta' multa ta' tmien mitt Ewro (€800). *In oltre*, il-Qorti qegħdha tiskwalifika lill-istess appellat Emanuel Degabriele milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal zmien ta' xahar mid-data ta' din is-sentenza, liema skwalifika tidħol fis-seħħ fid-disgħa ta' għada filgħodu.**

**Tordna notifika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jimxi mar-rakkomandazzjoni magħmula mill-Qorti f'din is-sentenza fir-rigward tal-produzzjoni tal-evidenza permezz tal-proċedura tal-*affidavit*.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**